MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 177/2007

Kawza fil-lista: 18

**A sive AA C legalment separata minn ma' zewgha B C**
**vs**
**B C, D E f' ismu proprju u bhala kuratur ad litem tal-minuri F C, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi hija u l-konvenut B C sseparaw legalment fl-14 ta' Settembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono kif jirrizulta mill-anness Dok MZ1.

2. Illi ghalkemm huma sseparaw de jure fl-14 ta' Settembru 2006 il-partijiet kienu ilhom separati de facto

minn Gunju 2006 tant li zewgha kien kera post Hal Qormi u mar jghix fih minn dakinhar li telaq mid-dar matrimonjali u ghadu jghix fih sallum.

3. Illi l-minuri F C twieled fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru 1003 tas-sena 2007 hawn anness u mmarkat Dok. MZ1.

4. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat li missier tat-tarbija kien il-konvenut B C, fil-fatt l-minuri F gie koncepit fil-kors ta’ relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut D E;

5. Illi l-attrici ghandha interess li tigi dikjarata l-paternita’ reali tal-minuri F C;

6. Illi meta marret biex tirregistra t-tarbija ghand id-Direttur tar-Registru Pubbliku u pproduciet dikjarazzjoni mill-konvenut B C li huma ma ghexux flimkien tlett mitt gurnata qabel it-twelid tat-tarbija annessa u mmarkata Dok. MZ2, l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku irrifjuta li jirregistra t-tarbija fuq isem il-missier naturali taghha u cioe’ ta’ D E;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri F C li twieled fit-23 ta’ Frar 2007 m’ huwiex il-konvenut B C izda huwa D E;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija (Att numru 1003 tas-sena 2007) u partikolarment fil-kolonni intitolati: Isem u Kunjom Missier F C tikkancella l-isem “B C (Qormi Malta) u tissostitwih bl-isem “D E” u l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta, ghall-post tat-twelid u ta’ residenza u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier F C, jigu korretti konsegwentement billi jigu

sostitwiti b’ dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh.

3. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-Rikors u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilta’ fizika bejn l-intimat B C u r-rikorrenti stess A sive AA C;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem “the said” iridu jigu kkancellati min taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tispecifika l-post fejn twieled missier il-minuri, tindika l-professjoni, sengha jew stat iehor, l-eta’, il-post tar-residenza, kif ukoll isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet sabiex jekk it-talbiet jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att;

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenut D E f’ ismu proprju ammetta t-talbiet attrici;

Rat li l-konvenut B C ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat ir-rapport[1] tat-testijiet tad-DNA debitament ikkonfermat minn Dottor Renald Blundell;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li l-minuri F li twieled fit-23 ta' Frar 2007 [Att tat-Twelid numru 1003/2007] mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut B C, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut D E.

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-attrici u l-konvenut B C kienu sseparaw de facto fis-sena 2006, u fit-23 ta' Frar 2007 twieled il-minuri F minn relazzjoni extra matrimonjali li l-attrici kellha mal-konvenut D E.

Illi l-konjugi C ikkonfermaw bil-gurament li fit-tlett mitt jum qabel it-twelid tat-tifel huma ma kellhomx relazzjonijiet sesswali bejniethom, u ghalhekk it-tifel ma setghax kien ta' zewg l-attrici.

Illi r-rapport tat-testijiet tad-DNA jikkonferma l-premess. L-espert Dottor Blundell jghid li t-testijiet jikkonkludu li l-minuri F huwa l-wild naturali tal-konvenut D E, filwaqt li huwa "kompletament eskluz" li B C huwa l-missier bijologiku tal-minuri F.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqguha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri F C li twieled fit-23 ta' Frar 2007 mhuwiex il-konvenut B C izda huwa l-konvenut D E; u tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-

[1] Fol.56 *et seq.*

Twelid fuq indikat fis-sens li l-isem u l-konnotati tal-konvenut B C jigu kancellati u sostitwiti bl-isem ta' D E u l-konnotati tieghu kif jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tieghu inserit a fol.42 tal-process.

L-ispejjez jithallsu mill-attrici u mill-konvenut D E proprio, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------